# Kelmtejn mill-President ta' Malta

L-E.T. GEORGE VELLA

Il-ħtieġa li lsienna jissaħħaħ, biex ikun jista' jilqa' kontra t-tniġġis li jħassar l-għeruq u s-sisien tiegħu, ma kinitx l-għajta tiegħi biss. Ma kinitx xi għajta biex inqajmu lsien mejjet jew ilsien li kien spiċċa. Kienet għajta li kellha warajha wkoll il-polz ta' bosta. Kien hemm il-bżonn li nqajmu u nġeddu kuxjenza u għarfien dwar is-sbuħija tal-Malti, ilsienna, u kif dan jinħtieġ jintuża b'mod xieraq u f'waqtu.

Dan ma kienx ifisser li l-Malti ma kienx lingwa ħajja, li ma kienx għadu għaddej, li ma kienx għad hemm lok li jibqa' jintuża u jiġġedded. Kienet ħtieġa mnebbħa minn riflessjoni li aktar ma jgħaddi ż-żmien, aktar konna qegħdin nitilfu l-kontroll fuq kif, fejn u meta jintuża lsienna.

Fl-ebda ħin ma kien ifisser li ninsew il-vantaġġi li jagħtina l-bilingwiżmu. Il-Malti fih innifsu, għalkemm sabiħ, għalkemm ġojjell, għalkemm ngħożżuh, ma jagħtiniex il-vantaġġ kbir li jagħtina l-bilingwiżmu fil-fora internazzjonali. Il-bilingwiżmu għandna ngħożżuh ukoll u nesiġu li jitħaddem tajjeb, fil-ħin opportun u anki b'mod korrett, kemm il-Malti u kemm l-Ingliż, mingħajr tniġġis żejjed u ta' konvenjenza, b'nuqqas ta' rispett lejn l-għeruq tal-lingwa.

Kien ifisser li għandna nagħmlu kull sforz possibbli biex il-Malti jintuża tajjeb u b'mod xieraq. Li nesiġu li jibqa'

lingwa ħajja, li tiġġedded maż-żmien skont il-ħtieġa, iżda li dan it-tiġdid iseħħ b'rispett sħiħ lejn is-sbuħija tal-Malti u l-għeruq tiegħu fil-lingwi Semitiċi. B'rispett lejn iż-żamma ta' kliem u espressjonijiet li qdewna fl-imgħoddi u għadhom jaqduna sal-lum.

Dan l-appell intlaqa', sibt l-opportunità u sibt l-okkażjoni ta' parteċipazzjoni u għajnuna minn ħafna organizzazzjonijiet. Dan tixhdu wkoll din il-pubblikazzjoni frott tal-konferenza "l-ilsien Malti għal qalbi: l-użu ta' lsienna fostna."

Bħal kull lingwa oħra, il-Malti kien, għadu u nittama li jibqa' l-ilsien li bih jikkomunika u jitħaddet il-ġens Malti b'mod li jinftiehem. L-istatistika turina b'mod ċar li l-poplu Malti jibqa' jagħżel li jikkomunika bi lsien art twelidu. Iżda jinħtieġ li nibqgħu nsostnu li lsienna, mgħoddi lilna minn dik l-omm li tatna isimha, nipproteġuh ukoll bl-użu tajjeb u korrett li nagħmlu minnu f'kull okkażjoni, f'kull ġurnata li tgħaddi.

Din il-pubblikazzjoni tiġbor fiha l-impenn u l-ħidma li saret matul din il-kampanja u li wasslitna għall-konferenza li ġiet organizzata f'April 2023.

Intenni r-ringrazzjament tiegħi lil dan il-grupp ta' ħidma dedikat u li kien rappreżentanza wiesgħa ta' dawk l-għaqdiet kollha li għandhom għal qalbhom il-Malti u l-ġid tiegħu, l-użu u t-tħaddim tajjeb tiegħu, minbarra l-impenn li jibqgħu jaraw l-ilsien Malti jiġġedded u jibqa' ħaj bħala lsienna, l-ilsien nazzjonali tal-Maltin.

Mill-ġdid, ħajr.

L-E.T. George Vella
*Il-President ta' Malta*